IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Ħatra tal-Avukat Ġenerali Ewlieni

(2020/C 399/02)

Waqt il-laqgħa ġenerali tagħha tad-29 ta' Settembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tar-Regoli tal-Proċedura ([1]), ħatret lil M. Szpunar bħala Avukat Ġenerali Ewlieni, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2020 sas-6 ta' Ottubru 2021.

Għażla tal-Awla inkarigata mill-kawżi previsti fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja (proċedura b'urgenza għal deċiżjoni preliminari)

(2020/C 399/03)

Waqt il-laqgħa ġenerali tagħha tad-29 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'applikazzjoni tal-Artikolu 11(2) tar-Regoli tal-Proċedura, għażlet l-Ewwel Awla u l-Ħames Awla sabiex ikunu l-Awli inkarigati mill-kawżi previsti fl-Artikolu 107 tal-imsemmija regoli, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2020 sas-6 ta' Ottubru 2021.

Elezzjoni tal-presidenti tal-awli komposti minn tliet Imħallfin

(2020/C 399/04)

Fid-29 ta' Settembru 2020, l-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja eleġġew, b'applikazzjoni tal-Artikolu 12(2) tar-Regoli tal-Proċedura, lil L. Bay Larsen, bħala President tas-Sitt Awla, lil A. Kumin, bħala President tas-Seba' Awla, lil N. Wahl, bħala President tat-Tmien Awla, lil J. C. Piçarra, bħala President tad-Disa' Awla, u lil M. Ilešič, bħala President tal-Għaxar Awla, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2020 sas-6 ta' Ottubru 2021.

Teħid ta' ġurament mill-membri l-ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2020/C 399/05)

Maħtur bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Settembru 2020 ([1]), għall-perijodu mis-7 ta' Settembru 2020 sas-6 ta' Ottubru 2021, A. Rantos ħa l-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Settembru 2020.

Maħtura bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Settembru 2020 [1], għall-perijodu mis-7 ta' Settembru 2020 sas-6 ta' Ottubru 2024, I. Ziemele ħadet il-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Ottubru 2020.

([1]) Fil-verżjoni tiegħu applikabbli sat-tiġdid parzjali tal-Imħallfin u tal-Avukati Ġenerali li jmiss, previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 253 tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ara t-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, deċiżi fis-26 ta' Novembru 2019 (ĠU L 316, 6.12.2019, p. 103).

([1]) ĠU L 292 tas-7 ta' Settembru 2020, p. 1.